**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 31** **IT-TLIETA 10 TA' NOVEMBRU 2009**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Jeffrey Camilleri, Jason Busuttil, Dennis Zammit, Angelo Briffa, Bjorn Azzopardi, Thomas Harmsworth, u Margaret Mercieca.

Il-Kunsilliera Simon Peter Vella Gregory u Ralph Puli kienu assenti minħabba xogħol.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**31/01 PROPOSTI DWAR SKART SEPARAT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Sur Daniel Tabone sabiex iressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-proposta dwar l-iskema ta' ġbir ta' skart separat mill-Kumpanija GreenPak. **DOK 'A'**

Wara **s-Sindku** stieden lis-Sur Joe Attard sabiex ukoll iressaq il-proposta tal-Kumpanija Green MT bħala inizjattiva ambjentali sostenibbli lejn komunitajiet aktar nodfa. **DOK 'B'**

Is-Sindku ppropona li l-kumitat tal-għażla tal-kuntratt ta' l-iskart jiltaqa' nhar it-Tnejn 16 ta' Novembru fil-5.00 ta' filgħaxija, flimkien ma' dawk il-kunsilliera li jixtiequ u jistgħu jattendu, sabiex tittieħed deċiżjoni finali dwar liema skema se jħaddem il-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

**31/02 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 30**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 30 li nżammet nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2009, minuti li kienu ċċirkulati

u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**.

**Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-Minuti tas-Seduta numru 30** u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 31/03 INFORMAZZJONI

**Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li kien tkellem mal-Onor Chris Said u mad-Direttur tal-Gvern Lokali dwar il-proposta tal-Kunsill għall-estensjoni tal-Kunsill permezz tax-xiri ta' propjeta'. Id-Direttur nforma li se jagħti struzzjonijiet dwar x'għandu jsir wara li jiddiskuti l-każ mad-Direttur tal-Kuntratti. Is-Sindku nforma wkoll li sid il-post niżżel t-talba għal €55,904 ekwivalenti għal erba' u għoxrin elf lira Maltin, waqt li l-*Accountant* Christian Vella qed iħejji rapport dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill bit-twettiq ta' din il-proposta

Is-Sindku nforma wkoll li mill-1 ta' Novembru daħlu fis-seħħ il-maġġor parti tal-artikli tal-Att XVI tal-2009. Huwa fisser li fil-laqgħa tas-Sindki, l-Onor Chis Said informa li mill-1 ta' Jannar 2010 li se jidħol fis-seħħ il-ħlas ta' €100 fix-xahar lill-Kunsilliera marbuta man-numru ta' laqgħat li Kunsillier jattendi.

Is-Sindku nforma li l-Bord ta' l-*Urban Improvement Fund* kien iltaqa' dwar il-wisgħa tal-bankina ta' Triq il-Vitorja u approva l-wisgħa ta' 1.2 m kif kien approvat mill-istess M.E.P.A. u l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta. Għalhekk fi ftit ġranet oħra se jiġi ffirmat il-kuntratt dwar dan ix-xogħol tal-bankini li għalih l-*Urban Improvement Fund* sejjer jgħaddi għajnuna finanzjarja ta' madwar €45,000. Barraminnhekk is-Sindku nforma li x-xogħol fuq il-bankini fl-area ta' wara x-Shopwise huwa fi stat avvanzat u diga' tlestew mas-sittin fil-mija tal-bankini.

Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li qed isir fil-latrini ta' Pjazza Federico Maempel skont it-tender maħruġa. Dan ix-xogħol hu wkoll iffinanzjat taħt l-iskema Aċċessibita' Aħjar fil-Lokalitajiet li għal dan il-proġett il-Kunsill Qormi irċieva fondi ta' Euro 9,934.

Is-Sindku nforma li l-pannelli fotovoltaiċi se jitwaqqfu f'Diċembru sabiex anke dan il-proġett jidħol fis-seħħ qabel tmiem din is-sena kif ipprogrammat. Il-Kumpanija Electrofix għaddiet id-dettalji tat-twaqqif ta' din is-sistema.

Is-Sindku nforma li nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru se jsir il-*launching* tal-*Website* il-ġdida tal-Kunsill. Din l-attivita' sejra ssir fir-Razzett l-Antik fejn qed jiġu mistiedna rappreżentant ta' l-għaqdiet lokali kollha. Għal din l-attivita' l-Kunsill unanimament approva l-ispiża ta' elf euro.

**Is-Sindku** nforma li l-Bord tal-Premju I.N.T. immexxi miċ-Chairman Alfred Mallia beda jiltaqa' dwar l-għażla għall-Premju I.N.T. Is-serata taċ-ċerimonja tal-Għoti tal-Premju I.N.T. (Irrid Nikber fit-Tjubija) sejra tinżamm waqt il-Programm Strumentali

organizzat mill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri skont il-ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u t-Tliet Baned Qriema. Dan il-Programm Strumentali se jiġi organizzat nhar is-Sibt 12 ta' Diċembru 2009, fis-7.30 ta' filgħaxija fl-Awditorju Sir Temi Zammit, l-Universita' tal-Qroqq. Dan il-programm hu mistenni li jkun taħt il-Patroċinju Distint ta' l-E.T., Dr. George Abela.

**31/04 MOZZJONI NRU. 92/2009 (VI)**

**Il-Kunsilliera Jason Busuttil** ressaq il-Mozzjoni nru. 92/2009 (VI)

"Nipproponi li l-Kunsill Lokali jitlob stimi għar-restawr tal-istatwi ta' San Ġorġ fi Triq San Bastjan, San Pawl fi Triq il-Kbira u l-Madonna tar-Rużarju fi Triq San Pietru.

Dawn l-istatwi għandhom isiru skont l-istudji li saru mill-perit tal-Heritage Malta. Il-Kunsill kien applika għal fondi EIPP Fund li sa issa għadna ma ħadna l-ebda risposta.

Minħabba li aktar ma jgħaddi ż-żmien, dawn l-istatwi aktar qed issirilhom ħsara, nipproponi li x-xogħol fuq dawn l-istatwi jibda meta l-Kunsill ikollu fondi disponibbli."

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** fisser li wara t-talba li kienet tressqet mill-Kunsill fit-18 ta' Awwissu 2008 lill-*Environmental Initiatives in Partnership Programme* (EIPP), imma sal-lum il-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda risposta. Għalhekk kien qed jipproponi li l-Kunsill jibda jaħseb biex jagħmel dan ix-xogħol skont l-istudji u l-pariri li saru minħabba li dawn l-istatwi aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed issirilhom ħsara.

Is-Sindku fisser li kien kiteb lil Dr. Melcolm Borg, Chairman tal-EIPP sabiex jingħata risposta dwar it-talba tal-Kunsill.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda l-mozzjoni u ppropona l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni.

**Ivvutaw favur** id-disa' (9) Kunsilliera preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni nru. 92/2009 (VI).

**31/05 MOZZJONI NRU. 93/2009 (VI)**

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** ressaq il-Mozzjoni 93/2009 (VI).

'Nipproponi li l-isem ta' Trejqet il-Wied jinbidel għal Triq George Agius.'

Il-Kunsillier Thomas Harmsworth fisser li f'dik l-istess area ta' toroq hemm toroq oħra msemmija għal nies minn Ħal Qormi u li ħadmu żmien twil fl-Unions. Is-Sur George Agius, Qormi ħadem ħafna fil-Ġeneral Workers' Union.

Billi tqajjem il-punt li Trejqet il-Wied kienet ferm żgħira, u x'aktarx ikun hemm diffikultajiet sabiex tiġi approvata mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq, għalhekk din il-mozzjoni kienet sospiża sakemm ikun iċċekkjat dan kollu.

## 31/06 MOZZJONI NRU. 94/2009 (VI)

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** ressaq il-Mozzjoni 94/2009 (VI).

'Nipproponi li l-Kunsill jibda diskussjonijiet ma' l-awtoritajiet dwar is-Salib tal-Ħandaq li bħal issa jinsab mitluq u mdawwar bi bċejjeċ tal-karozzi, sabiex jinqala' minn fejn qiegħed u jitpoġġa faċċata quddiem id-daħla tal-Kulleġġ San Injazju. Il-Kunsill għandu jressaq din il-proposta sabiex dan is-Salib tal-Ħandaq ma jsirlux aktar ħsara.'

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda.

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** ikkummenta dwar il-kundizzjoni ta' telqa kbira li jinsab fih is-Salib tal-Ħandaq, fejn qed jintuża bħala miżbla, speċjalment minn dawk is-sidien tillara li jarmu bċejjeċ tal-karozzi madwaru. Huwa staqsa x'jista' jagħmel il-Kunsill għaliex is-Salib qed issirlu ħafna ħsara u għalhekk jeħtieġ azzjoni mill-Kunsill.

**Is-Sindku** spjega li dak is-Salib tal-Ħandaq jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-*Heritage Malta* u l-Kunsill diġa kien għamel ħiltu sabiex tittieħed azzjoni dwar it-telqa' li jinsab fih dan il-monument. Għalhekk jaqbel li titkompla ssir pressjoni fuq l-Awtoritajiet speċjalment sabiex jiċċaqlaq f'post fejn ma ssirlux aktar ħsara.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni.

**Ivvutaw favur** id-disa' (9) Kunsilliera preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** il-Mozzjoni 94/2009 (VI).

## 31/07 BUST TA' BERTU HYZLER

**Is-Sindku** nforma li x-xogħol fuq ir-restawr tal-bust ta' Bertu Hyzler tlesta, u għalissa sejjer jinżamm fil-Kunsill. Il-Permess sabiex isir xogħol ta' tiġdid tal-ġnien fi Triq Anġlu Borg wasal biex jinħareġ mill-MEPA, iżda kif kien maqbul f'seduta ta' żmien ilu l-Bust ta' Bertu Hyzler ser jitwaqqaf fis-*soft area* li nbniet fi Triq Dun Marju.

## 31/08 KORRISPONDENZA

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza; **DOK 'C1-3'**

a. Uffiċċju tal-Prim Ministru – Budget 2010
b. Korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill lill-MEPA dwar l-*Environmental Initiatives in Partnership Programme* (EIPP)
c. Email mis-Sur Antoine Saliba, żagħżugħ minn Ħal Qormi dwar il-Parlament taż-Żgħażagħ.

**31/09 PUNTI MQAJJMA**

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** ikkonferma li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, proġett li se jsir bejn Novembru 2009 u Novembru 2010, ġiet approvata, u issa sejjer isir it-tqassim tal-*flyers* sabiex jinġabru l-applikazzjonijiet taż-żgħażagħ.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa li jmiss sejra tinżamm nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2009.

Jesmond Aquilina
Sindku

John Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum .....It-Tlieta..... ta' 15 ta' Dicembru 2009.
(Jum) (Data) (Xahar)